

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 279, 1.8.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – GP Joule PV vs EUIPO –
Green Power Technologies (GPTech)**

(Kawża T-235/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva GPTech — Trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti GP JOULE — Nuqqas ta’ produzzjoni, quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, tal-provi tal-awtorizzazzjoni sabiex titressaq oppożizzjoni — Produzzjoni ta’ provi għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Assenza ta’ teħid inkunsiderazzjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell — Ċirkustanzi li jipprekludu t-teħid inkunsiderazzjoni ta’ provi ġodda jew supplimentari — Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Regola 17(4), Regola 19(2), Regola 20(1) u Regola 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”]

(2017/C 256/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GP Joule PV GmbH & Co. KG (Reußenköge, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Döring, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Green Power Technologies, SL (Bollullos de la Mitación, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' Frar 2016 (Każ R 848/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn GP Joule PV u Green Power Technologies.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) GP Joule PV GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 279, 1.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 22 ta' Ġunju 2017 – Biogena Naturprodukte vs EUIPO (ZUM wohl)

(Kawża T-236/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ZUM wohl — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Riferiment għan-nota ppreżentata quddiem il-Bord tal-Appell riprodotta fir-rikors — Provi annessi mat-talba għal seduta għas-sottomissjonijiet orali”]

(2017/C 256/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Biogena Naturprodukte GmbH & Co KG (Salzburg, l-Awstrija) (rappreżentanti: I. Schiffer u G. Hermann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-23 ta' Frar 2016 (Każ R 1982/2015-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv ZUM wohl bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Biogena Naturprodukte GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 243, 4.7.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – Kneidinger vs EUIPO – Topseat International (sedil tat-toilet)

(Kawża T-286/16) ⁽¹⁾

[“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta sedil tat-toilet — Disinn Komunitarju preċedenti — Motiv għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Karattru individwali — Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”]

(2017/C 256/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ernst Kneidinger (Wilhering, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Grötschl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Topseat International (Plano, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Eckhart, A. von Mühlendahl, u P. Böhrner, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' April 2016 (Każ R 1030/2015-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Topseat Internazzjonali u E. Kneidinger.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ernst Kneidinger huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 18.7.2016.